**FIL-BORD TAL-ARBITRAGG DWAR L-ARTIJIET**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 11 ta' Gunju 1999**

**Rikors Nru: 2/96**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**George u Angela Said**

Il-Bord,

Ra ir-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li eppremetta illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 1995 l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond Nru 35 (xi drabi maghruf ukoll bhala 36) Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex gia' sovrastanti l-fond Nru 34A u kif muri fil-pjanti annessi mal-istess Avviz ghall-Ftehim huwa ta' erbat elef, hames mija u erbgha liri Maltin (Lm4504) kif jidher mir-rapport tal-perit O. Caruana Montaldo A & CE tat-28 ta' Jannar 1993 li estratt tieghu huwa anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-24 t'Ottubru 1995 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' seba' u ghoxrin elf lira Maltin (Lm27,000).

Talab bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu il-fond Nru. 35, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Artijiet jew lin-Nutar li jkun ghamel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvediment l-ohra

kollha mehtiega skond id-depozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal  Skopijiet Pubblici (Kap.88).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra id-digriet a fol 23 tal-process bid-data tat-22 ta' Jannar 1997 li permezz tieghu l-istess Bord innomina lill-periti Frederick Valentino u Joseph Mizzi bhala membri teknici tal-istess Bord.

Ra ir-relazzjoni sottomessa mill-istess membri teknici u li iggib id-data tal-10 ta' Frar 1999.

Semghet il-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jidher li l-unika kontestazzjoni f'dan il-kaz tirreferi ghall-ammont ta' kumpens li ghandu jigi likwidat u imhallas lill-intimati.

Illi dan jidher evidenti mill-ittra ufficjali tal-Avukat Tonio Mallia f'isem l-intimati u li tinsab a fol 10 tal-process, oltre mid-dokumenti immarkati Dok. GC1 u Dok. GC2 ibidipprezentati b'nota fis-17 ta' Mejju 1996 u a fol 12 tal-process oltre mix-xhieda tal-Perit Emanuel Vella ( a fol 18 seq ibid) prodott mill-intimati u minn dak tal-Perit Oscar Caruana Montaldo a fol 26 tal-process li, prodott mir-rikorrenti, irrefera ghall-istima sottomessa minnu li tinsab a fol 7 tal-process.

Ikkunsidra

Illi, kif jidher mill-istess relazzjoni sottomessa mill-Periti Teknici, il-propjeta' in kwistjoni giet stmata bhala wahda urbana u bhala libera u franka, fis-somma ta; Lm16,500.

Ghaldaqstant il-Bord a) jordna lill-intimati sabiex jitrasferixxu in favur tar-rikorrenti, b'titolu ta' xiri assolut bhala liberu u frank il-fond minn numru 35, Pjazza San Frangisk, Victoria ossija Rabat, Ghawdex  skond kif muri fl-annessa pjanta a fol 8 u 9 tal-process; b) jiffissa bhala kumpens dovut lill-intimati, is-somma ta' Lm16,500; c) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala

Nutar tad-Dipartiment tal-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jigi publikat l-att relattiv fit-30 ta' Gunju 1999; d) jinnomina bhala kuratur ghall-kontumaci fuq l-att relattiv lill-Avukat Dr Richard Sladden.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat